# *Festa ta' San Publju tas-sena 1952*

*Minn* **Hosè Borg**

Il-festa ta' San Publju tas-sena 1952 fil-parroċċa tal-Furjana saret nhar is-27 ta' April. Deskrizzjoni u ritratt storiku tal-purċissjoni tal-istess sena jagħtu tagħrif interessanti dwar il-festa. Din id-deskrizzjoni ġiet ippubblikata fil-gazzetta "Il-Berqa" tat-28 ta' April tal-istess sena – l-għada tal-festa - fil-paġna tmienja.

F'artiklu ċkejken tissemma l-attendenza kbira tan-nies preżenti bi ħġarha għall-festa hekk kif jidher fir-ritratt. Jissemma kemm kienet imżejna l-knisja minkejja l-ġrieħi li sofriet bil-gwerra u li kienu għadhom ma ssewwewx. Kellhom jgħaddu disa' snin minn meta ntemmet l-aħħar gwerra, biex il-knisja terġa' tinbena mill-ġdid.

Il-konkorrenza tan-nies għall-funzjonijiet tal-festa matul il-ġimgħa u nhar il-festa filgħodu, kienet tajba ħafna. Qaddes l-isqof ta' dak iż-żmien l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Emanuel Galea. Il-Quddiesa kantata tmexxiet minn mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Milanesi l-Arċisqof Metropolita li kien assistit mit-Tron. Filgħaxija, ħarġet il-purċissjoni bil-vara titulari ta' San Publju kif jidher fir-ritratt, fost it-tiżjin ta' barra u d-daqq tal-baned. Ir-ritratt ġie meħud aktarx mill-ġenb tal-Fosos billi l-vara tidher b'wiċċha tħares lejn ix-xellug.

Minn dan ir-ritratt storiku jidher ċar, li l-attendenza tan-nies għall-festa, kienet numeruża. Dan juri kemm-il festa ta' San Publju kienet minn dejjem waħda popolari. San Publju kien l-ewwel Isqof ta' Malta kif ukoll wieħed mit-tliet Patruni ta' pajjiżna. San Publju kellu importanza strateġika minħabba r-rabta wisq għażiża li teżisti bejnu u bejn pajjiżna.

L-armar li kien jintrama' dak iż-żmien, kien jikkonsisti f'bandalori sempliċi bi drapp mingħajr disinn u b'żewġ kuluri biss b'faxx abjad u ieħor aħmar ta' Malta jew isfar tal-Papa. Tidher il-liedna tal-ħaxix u l-bandalori mal-arbli armati mal-kolonni l-maġġuri tal-portiku tal-knisja. Il-liedna sebbħet il-faċċata tal-knisja. X'aktarx, li tintrama' l-liedna kienet xi ħaġa karatteristika ta' dak iż-żmien fil-festa Furjaniża. Il-liedna użata kienet tal-ħaxix naturali u rħisa u għalhekk kienet komuni ħafna. Kienet tintuża wkoll bħala sinjal ta' qima billi kienu jferrxuha mal-art fil-purċissjonijiet ta' *Corpus Christi* eċċ. Billi kien hawn nuqqas ta' materjal, kienet issir ekonomija sħiħa, iżda r-riżultat estetiku tal-ħidma tad-dilettanti, kien ikun sabiħ daqs tallum. Aktar tard, il-liedna kienet bdiet issir tal-plastik, maħduma mid-dilettanti nfushom jew mixtrija lesta.

Kif diġà għedt, id-drappijiet użati kienu mingħajr disinn jew b'xi disinn sempliċi. Dan għaliex, hekk kienu jitolbu ż-żminijiet. Illum, id-disinji huma aktar elaborati u fuq stil Barokk.

Kien fis-snin tmenin tas-seklu għoxrin li fil-Furjana bdew deħlin id-disinji fid-drappijiet



ELUF TA' NIES, il-bieraħ ħadu sehem fil-festa ta' San Pupulju l-Ewwel Isqof ta' Malta, u qaddis Patrun tal-Furjana. Il-Knisja mżejna tajjeb, iżda bil-ġrieħi tal-gwerra għadhom mhumiex imfejqa, kienet maħnuqa bin-nies waqt il-funzjonijiet, li saru ma' tul il-ġimgħa. Filgħodu, l-E.T. l-Isqof Galea qaddes quddiesa bi tqarbina ġenerali, u waqt il-quddiesa Kantata, li qaddisha Mons. Milanesi, l-E.T. l-Arċisqof Metropolita assista mit-Tron. Wara nofs in-nhar ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa tal-Qaddis fost il-mixegħla u d-daqq tal-baned. Fir-ritratt tidher l-istatwa ta' San Pupulju għadha kemm ħarġet mill-Knisja.

esterni tal-pavaljuni, bandalori u bnadar fit-toroq. Ma nistgħux inħallu barra l-armar rikk tal-injam li bosta festi kellhom f'dawk ż-żminijiet. Jidher biċ-ċar skont dan ir-ritratt li fil-Furjana kien hawn pilandri artistiċi b'disinji bil-fjuri, bil-kolonni b'kollox, armati tagħthom, li kienu tassew sbiħ. Dawn kienu jiġu armati fil-kantuniera tal-knisja. Fir-ritratt, jidhru anke xi bandalori b'disinn sempliċi b'salib abjad fuq sfond x'aktarx aħmar u b'faxex maqsuma li jistgħu ikunu bejn abjad u aħmar. Il-kolonna bi statwa fuqha, fl-istess triq, għalkemm ma tidhirx ċara, aktar għandha dehra ta' anġlu milli ta' xi qaddis; u dan jorbot mal-ħajja eżemplari tal-qaddis patrun San Publju. Il-liedna armata fi Triq il-Miratur, tidher forma ta' "M". Fi Triq il-Miratur, il-bini baqa' l-istess kif kien u dan baqa' jżomm ħaj, il-karattru antik tas-subborg Furjaniż.

Nistgħu ngħidu li r-ritratt tal-vara ta' San Publju ġie meħud minn wieħed mill-isbaħ angoli, għax juri bl-aktar mod ċar, il-moviment tal-kappa milbusa mill-qaddis. Dan ikompli jsebbaħ l-istatwa titulari tant artistika li bħalma jaf kulħadd, hija ċertament waħda mill-isbah u mill-itqal vari titulari f'pajjiżna. Il-gastri u l-fjuretti artistiċi ta' mal-pedestall, huma magħmula b'tali mod, biex l-iskultura artistika u mirquma tal-pedestall. tond u uniku fi gżiritna fejn jidħlu vari titulari, tibqa' tidher. B'hekk il-poplu jkun jista' japprezza opra oħra artistika tal-istess livell tal-istatwa titulari. Il-pedestall tal-vara, juri xeni minn ħajjet San Publju.

Jista' jingħad bla tlaqliq li l-festa ta' San Publju, baqgħet tħaddan l-għeruq sodi u antiki li twieldet bihom kemm għall-fatt li hija festa li tiġbed ħafna nies minħabba li tiġi ċċelebrata l-ewwel fl-istaġun u wkoll għax il-qaddis ta kontribut siewi lil pajjiżna bħala isqof. Minħabba f'hekk ukoll, ikun faċli għad-dilettanti ta' festi oħra, li jżuru l-festa tal-Furjana.

Jekk wieħed iqabbel il-purċissjoni u l-armar estern tal-festa tal-antik u tallum, jkun jista' japprezza l-iżvilupp li sar f'dak li hu armar b'disinji artistiċi. Il-purċissjoni baqgħet tkun organizzata dejjem b'mod dinjituż u kif jixraq lill-festa reliġjuża bl-elementi soċjali, folkloristiċi u kulturali tagħha; b'elementi, li jiddistingwuha minn festi oħra b'mod partikulari fejn jidħlu festi nterni, opri artistiċi u sagri nterpretati minn bosta artisti Maltin ta' kapaċità.



## *Badge Day* fil-festa ta' S. Publju

Sentejn ilu, l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta, introduċiet l-idea tal-*badge day*, tradizzjoni qadima f'diversi bliet u rħula Maltin. Din is-sena din ser terġa' ssir.

Nieħdu l-okkażjoni biex nirringrazzjaw lis-sinjura Michelle Giusti (membru tal-Assoċjazzjoni) li ħadet ħsieb it-tqassim tal-*badges*.

## *Tonna Trophy*

L-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta tifraħ mal-familja Muscat li bħala rikonoxximent għall-ħidma tagħhom fil-Furjana ingħataw il-premju 'Tonna Trophy›



**NIFIRĦU** liż-żewġ Furjaniżi li ngħataw l-unur nazzjonali għall-mertu mill-Eċċellenza tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, fit-13 ta' Diċembru 2014



← **SAMMY GALEA**

→ **FRANS SAID** (Membru tal-Assoċjazzjoni)

